# Mill-2025 il-vapuri kollha li jgħaddu minn Malta se jaqilbu għal fuels aktar nodfa

## BirdLife Malta tilqa' b'sodisfazzjon it-twaqqif ta' Sulphur Emission Control Area (SECA) fil-Baħar Mediterran bħala l-ewwel pass lejn tbaħħir aktar nadif

L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) il-Ġimgħa adottat formalment proposta biex il-Baħar Mediterran jiġi ddikjarat bħala Sulphur Emission Control Area (SECA). Id-dħul fis-seħħ ta' din il-miżura kontra t-tniġġis ifisser li l-vapuri kollha li jkunu għaddejjin mill-Baħar Mediterran se jkunu obbligati jużaw fuels aktar nodfa b'kontenut inqas ta' kubrit biex inaqqsu l-emissjonijiet tossiċi tagħhom. BirdLife Malta flimkien mal-Imsieħba tagħha fil-Familja tal-BirdLife, in-NABU (BirdLife Germany) u għadd ta' msieħba oħra fil-Mediterran kienu qed jagħmlu pressjoni għal din il-miżura, li hija l-ewwel pass lejn tbaħħir aktar nadif fil-Mediterran. Is-SECA fil-Mediterran se tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Mejju 2025.

Il-kontrol tat-tniġġis tal-arja u l-ħarsien tal-ambjent għandhom rwol speċjali fil-Baħar Mediterran, li huwa wieħed mill-aktar ibħra miżgħudin bl-attività marittima fid-dinja. Id-deċiżjoni tal-IMO li tistabbilixxi Sulphur Emission Control Area fil-Mediterran hija pass kruċjali u ferm mistenni lejn arja aktar nadifa fir-reġjun kollu kemm hu. It-tniġġis tal-arja mill-industrija tat-tbaħħir jikkontribwixxi għal madwar 40% tat-tniġġis kollu fl-ibliet mal-kosta tal-Mediterran, u jikkawża danni sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem, l-ambjent u l-klima. Għaldaqstant BirdLife Malta tilqa' b'sodisfazzjon il-bidla lejn fuels aktar nodfa għall-bastimenti li għandha twassal għal kwalità tal-arja aħjar għan-nies li jgħixu f'Malta u għall-150 miljun persuna residenti madwar il-Mediterran.

Għalkemm napprezzaw ir-rieda tal-pajjiżi tal-Mediterran li jtejbu s-settur tat-tbaħħir tagħhom billi jistabbilixxu s-SECA, huwa importanti li tkompli l-ħidma fl-istess direzzjoni biex tkun stabbilita wkoll Emission Control Area (ECA) għan-Nitroġenu (NECA) li huwa wieħed mill-kontributuri prinċipali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, li wkoll huma ta' dannu għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. It-twaqqif ta' ECA bħal din, simili għal dik li hemm fil-Baħar tat-Tramuntana u l-Baħar Baltiku, ikompli jtejjeb aktar il-kwalità tal-arja, u b'hekk ikunu salvati

mijiet ta' ħajjiet fil-Mediterran kull sena waqt li tiżdied is-sostenibbiltà tas-settur marittimu u tingħata spinta lill-bidla neċessarja lejn fuels li ma jagħmlux ħsara lill-klima. It-traffiku marittimu madwar Malta qiegħed kulma jmur iżid fl-intensità tiegħu kull sena, u għalhekk Żona ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-Kubrit u tan-Nitroġenu għandha tkun prijorità assoluta jekk irridu tassew inħarsu s-saħħa u l-ambjent tagħna. Għaldaqstant, nappellaw lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet f'pajjiżna sabiex ma nitilfux l-impetu li qbadna u mill-aktar fis tittieħed azzjoni billi Malta tappoġġja t-twaqqif tan-NECA (ECA għan-Nitroġenu) fil-Mediterran bħala l-prijorità li jmiss.

Malta hija sieħeb influwenti fi ħdan l-IMO u tinsab fil-qofol ta' waħda mill-aktar rotot ta' tbaħħir importanti fid-dinja. Fid-dawl ta' dan, inħeġġu wkoll lill-awtoritajiet Maltin biex jagħtu spinta lil tbaħħir nadif u climate-friendly. Fost il-miżuri li jistgħu jittieħdu f'din id-direzzjoni hemm il-promozzjoni ta' Nitrogen Emission Control Area, il-konklużjoni tal-proġett għal konnessjoni shore-to-ship għal cruise liners ankrati fil-Port il-Kbir kif ukoll il-possibbiltà li s-sistemi tal-ferry jinqalbu biex jaħdmu bl-elettriku.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratti mehmużin:**

1. Il-Baħar Mediterran se jsir Sulphur Emission Control Area (SECA) mill-2025
2. Mappa li turi d-densità tat-traffiku marittimu fil-Baħar Mediterran